



Kumitat għall-Iżvilupp

2016/2076(INI)

12.9.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar tal-Organiżmi Selvaġġi
(2016/2076(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Brian Hayes

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi 70 % tal-foqra tad-dinja jgħixu f'żoni rurali u jiddependu direttament fuq il-bijodiversità għall-ġhajxien tagħhom; billi l-protezzjoni tal-bijodiversità hija għalhekk importanti għal ġhajxien sostenibbli u għall-iżvilupp favur l-iktar foqra; billi għall-kuntrarju, l-involviment ta' komunitajiet lokali jista' jkun kruċjali għas-suċċess ta' tali protezzjoni;
- B. billi, il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema madwar id-dinja huma mhedda minħabba tibdil fl-użu tal-art, l-użu mhux sostenibbli ta' riżorsi naturali, u t-niġġis u t-tibdil fil-klima; billi, b'mod partikolari, ħafna speċijiet fil-periklu jaffaċċjaw sfidi akbar minn qatt qabel minħabba l-urbanizzazzjoni rapida, it-telf tal-ħabitat u l-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi;
- C. billi l-parteċipazzjoni tal-UE bħala entità legali f'din is-sistema ta' protezzjoni tal-ispeċijiet tkompli tikkonferma l-pożizzjoni prominenti u responsabbli tal-UE fil-promozzjoni tas-sostenibbiltà;
- D. billi l-prassi tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-kummerċ illegali marbuta mill-qrib mal-governanza u n-nuqqas ta' sigurtà huma r-raba' l-akbar tip ta' kriminalità internazzjonali f'termini ta' fatturat annwali;
- E. billi l-qofol tal-parti l-kbira tal-kunflitti jinsab l-aktar fl-isfruttament ta' ġid naturali jew fit-traffikar illegali tal-annimali, li jipperikola lill-komunitajiet lokali, lill-bijodiversità u l-flora u l-fawna;
- F. billi l-kunflitti bejn in-nies u l-annimali, li jirriżultaw mit-telf ta' ħabitats u l-ħtiġijiet dejjem akbar tan-nies, jikkostitwixxu theddida maġġuri lis-sopravivenza kontinwa ta' ħafna speċijiet f'partijiet differenti tad-dinja; billi t-telf u d-degradazzjoni tal-foresti huma kkawżati prinċipalment mill-espansjoni tal-art agrikola u l-ħsad intensiv tal-injam, injam għal fjuwil u għal prodotti forestali oħra, kif ukoll minn mergħa eċċessiva; billi l-ispeċijiet selvaġġi li jiġu f'kontatt mal-bniedem spiss jisfaw maqtula jew maqbuda; billi l-konfrontazzjoni tal-kaċċaturi illegali armati tista' tkun estremament perikoluża;
- G. billi iljunfanti u rinoċeronti jinsabu fil-quċċata tal-lista ta' speċi li qed jinqatlu minn kaċċaturi illegali, li tirrifletti d-domanda dejjem tikber madwar id-dinja għal nejbiet u qrejjien; billi l-kaċċaturi illegali jistgħu jkunu motivati mill-faqar jew sfruttati minn organizzazzjonijiet kriminali li jfittxu li jirreklutaw kaċċaturi b'għarfien lokali;
- H. billi t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi – li jinvolvi kaċċaturi illegali, atturi armati mhux tal-istat f'pajjiżi sors, gruppi ta' kriminalità internazzjonali u għadd ta' atturi f'pajjiżi fejn hemm id-domanda – mhux fenomenu ġdid, iżda l-iskala tagħha, in-natura u l-impatti laħqu livelli ogħla minn qatt qabel għal xi speċijiet;
- I. billi hemm bżonn li jiġi rikonoxxut il-valur intrinsiku tad-diversità bijoloġika u d-diversi kontribuzzjonijiet tagħha għall-iżvilupp sostenibbli u l-benesseri tal-bniedem, skont l-

objettivi spjegati f'Għan 15 tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

- J. billi l-kriminalità marbuta mal-organizzmi selvaġġi hija attività kriminali dinjija serja transnazzjonali tal-kriminalità organizzata, b'fatturat annwali ta' mill-inqas USD 19-il biljun, li jagħmilha r-raba' l-ikbar attività illegali fid-dinja; billi l-effetti tagħha fuq il-bijodiversità huma devastanti u billi, minħabba r-rabta mill-qrib tagħha mal-korruzzjoni, qed ikollha impatt negattiv fuq l-istat tad-dritt, b'mod partikolari f'xi reġjuni fl-Afrika, fejn għandha impatt negattiv ħafna fuq il-potenzjal għall-iżvilupp ekonomiku;
- K. billi l-UE għandha rwol importanti fl-indirizzar ta' dan it-traffikar, minħabba li l-Ewropa bħalissa hija kemm suq destinatarju kif ukoll ċentru ta' transitu għat-traffikar ta' organizzmi selvaġġi lejn reġjuni oħra. billi l-Ewropa hija wkoll reġjun minn fejn jinqabdu ċerti speċijiet għall-kummerċ illegali;
1. Huwa imħasseb dwar iż-żieda kbira fil-kaċċa u fil-kummerċ illegali fil-fawna u l-flora selvaġġi u l-impatti ħżiena ekonomiċi, soċjali u ambjentali; jemmen li l-ġlieda kontra l-kaċċa illegali teħtieġ risposta kkoordinata mill-UE u assistenza għal pajjiżi b'kapaċità limitata biex jiġu protetti l-organizzmi selvaġġi; jemmen li l-UE jista' jkollha rwol estiż sabiex jiġu protetti u mantnuti proġetti ta' riżervi ta' organizzmi selvaġġi fpajjiżi li qed jiżviluppaw;
 2. Ifakkar li l-bijodiversità u l-ekosistemi reżiljenti jsostnu l-ġhajxien, itejbu s-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, jagħtu aċċess għall-ilma u għas-saħħa, u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; iqis li huwa essenzjali, għalhekk, li s-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi jkunu protetti sabiex jiġi żgurati li l-ġhajxien sostenibbli jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar madwar id-dinja;
 3. Jenfasizza li l-istrateġija dwar koerenza tal-politiki tal-UE minquxa fit-Trattati teħtieġ li tieħu kont debitu tal-protezzjoni tal-organizzmi selvaġġi; jenfasizza r-rwol kritiku tal-bijodiversità fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jappoġġja l-inizjattiva ewlenija B4Life dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità, implimentata b'mod partikolari permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, kif ukoll l-objettiv 1.2 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organizzmi Selvaġġi relatat ma' komunitajiet rurali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-azzjonijiet rilevanti jkunu konsistenti mal-objettiv fundamentali tat-tnaqqis tal-faqar tal-politika tal-iżvilupp tal-UE, politiki sostenibbli dwar il-foresti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari l-Għan 15, u li jkollhom impatti pożittivi dwar, b'mod partikolari, is-sigurtà tal-ikel, tal-ħabitats naturali u l-ekosistemi; jistieden lill-UE tippromwovi attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul f'żoni protetti u żoni ta' lqugħ (jiġifieri permezz ta' turiżmu sostenibbli), u biex jissaħħu l-kapaċitajiet lokali kif xieraq;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jisfruttaw l-istrumenti tagħhom ta' kummerċ u ta' żvilupp biex jistabbilixxu programmi dedikati sabiex isaħħu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), u li jiġu pprovduti riżorsi għall-bini tal-kapaċità kontra l-kaċċa illegali u t-traffikar, b'mod partikolari bl-appoġġ, it-tisħiħ u l-espansjoni ta' inizjattivi ta' infurzar bħalma huma l-ASEAN Wildlife Enforcement Network (ASEAN-WEN), il-Horn of Africa Wildlife Enforcement Network (HA-WEN) u l-Lusaka Agreement Task Force (LATF), li għandhom l-għan li jistabbilixxu ċentri reġjonali ta' kompetenza u jipprovdud mudelli għall-kooperazzjoni kontra l-kriminalità relatata mal-organizzmi selvaġġi;

5. Ifakkar li parti kbira mill-problemi ffaċċjati fl-UE b'rabta mat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi hija kkawżata minn nuqqas ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-atturi rilevanti l-oħra kollha, biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi fl-iskeda ta' żmien indikata, skont il-konklużjonijiet dwar dan il-Pjan ta' Azzjoni adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2016;
6. Iqis li l-ġid tal-popolazzjonijiet tal-Afrika jiddependi ħafna fuq l-organiżmi selvaġġi u li l-faqar rurali huwa element fundamentali ta' kaċċa illegali fuq il-post;
7. Jemmen li l-NGOs jista' jkollhom rwol importanti fil-monitoraġġ, fl-infurzar u fir-rappurtar tal-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi; jitlob li jkun hemm aktar appoġġ għall-isforzi tal-NGOs, meta titqies il-kapaċità limitata tal-awtoritajiet pubbliċi lokali f'dawn l-oqsma;
8. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi, li tiffoka l-aktar fuq il-konservazzjoni tal-ekosistemi u tal-pajsaġġi li jsostnu l-popolazzjonijiet ewlenin tal-organiżmi selvaġġi Afrikani, għandha tkunu element ewleni tal-istrateġiji għar-riduzzjoni tal-faqar tal-UE;
9. Jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni huwa ddestinat li jfalli jekk ma jkunx iffinanzjat b'mod adegwat; jemmen li r-riżorsi finanzjarji maħsuba biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-pjan għandhom jiġu identifikati fil-baġit tal-UE u ta' kull Stat Membru, u li r-riżorsi umani għandhom ukoll jiġu allokatu b'mod ċar;
10. Hu tal-fehma li l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi u mal-foresti għandha tingħata l-istess attenzjoni bħalma tingħata lil kull forma oħra ta' kriminalità organizzata transnazzjonali, u li, konsegwentement, l-infurzar tal-liġi ma għandux jillimita ruħu għall-kaċċaturi illegali, iżda jkollu fil-mira tiegħu wkoll livelli ogħla tal-ġerarkija tal-kriminalità organizzata;
11. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-pajjiżi fornituri biex: (i) itejbu l-istat tad-dritt u joħlqu deterrenti effettivi permezz tat-tisħiħ tal-investigazzjonijiet kriminali, il-prosekuzzjonijiet u l-għoti tas-sentenzi; (ii) jippromulgaw liġijiet iktar b'saħħithom li jitrattaw it-traffikar illegali tal-organiżmi selvaġġi bħala "reat serju" li jistħoqqlu l-istess livell ta' attenzjoni u ta' gravità bħal forom oħra ta' kriminalità organizzata transnazzjonali; (iii) jallokaw aktar riżorsi fil-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-infurzar tal-liġi dwar l-organiżmi selvaġġi, il-kontrolli tal-kummerċ, il-monitoraġġ u detezzjoni doganali u s-sekwestri; (iv) jimpenjaw ruħhom għal politika ta' tolleranza żero fir-rigward tal-korruzzjoni;
12. Jenfasizza li interventi kollettivi fuq livell globali huma meħtieġa biex tiġi miġġielda l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, inkluża d-dimensjoni finanzjarja tagħha, permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali kontra l-ħasil tal-flus; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu mnedija kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex titrażżan id-domanda għall-prodotti maġmula mill-organiżmi selvaġġi;
13. Iħeġġeġ lill-pajjiżi ta' provvista, ta' tranżitu u ta' domanda li jintensifikaw il-livell tagħhom ta' kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi tul il-katina kollha; jitlob, għal dan il-għan, għal kooperazzjoni akbar bejn l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol), l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali

(WCO), l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC);

14. Jistieden lill-UE ttejjeb l-appoġġ finanzjarju u tekniku, mogħti permezz tad-DCI u l-EDF, immirat biex jgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jimplimentaw ir-regolamenti nazzjonali dwar l-annimali selvaġġi b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tas-CITES, b'mod partikolari għal dawk li m'għandhomx biżżejjed riżorsi biex tiġi infurzata l-leġislazzjoni u biex jittieħdu passi legali kontra l-kuntrabandisti;
15. Jenfasizza li l-faqar u l-amministrazzjonijiet dgħajfa jippermettu lill-kriminali jikkorrompu lill-uffiċjali tal-awtoritajiet ta' infurzar li mhumiex imħallsin sewwa; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ġestiti b'mod responsabbli r-riskji assoċjati mal-ġlieda kontra l-kaċċa illegali u l-kummerċ tal-ispeċijiet selvaġġi – li t-tnejn jagħmlu ħsara lill-ekosistemi u lill-għajxien rurali, inklużi dawk ibbażati fuq l-ekoturiżmu – kif ukoll il-ħtieġa għal sensibilizzazzjoni mmirata fost l-ispeċjalisti dwar il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus; jenfasizza li l-korruzzjoni mifruxa, id-dgħufija istituzzjonali, l-erożjoni statali, il-ġestjoni ħażina u l-penalitajiet dgħajfa relatati mal-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi huma sfidi ewlenin li jridu jiġu indirizzati jekk it-traffikar transnazzjonali tal-organiżmi selvaġġi jrid jiġi miġġieled b'mod effikaċi; iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jitnaqqsu l-inċentivi tal-kaċċa illegali billi jittejbu l-opportunitajiet ekonomiċi u jiġu promossi l-governanza tajba u l-istat tad-dritt, billi tipprovdi taħriġ u appoġġ lill-aġenziji li jindirizzaw il-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, u billi titqajjem kuxjenza dwar tali kummerċ; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-Istati kollha kkonċernati biex jinvestigaw b'mod aktar sistematiku r-rabtiet bejn it-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u l-kunflitti reġjonali jew it-terroriżmu, sakemm ikun hemm ir-riżultati ta' rapport UNODC li jmiss; Jenfasizza li hija meħtieġa strateġija fit-tul kontra l-korruzzjoni, u li għandha tiżdied il-kapaċità biex jiġu investigati b'mod effettiv l-allegazzjonijiet ta' kompliċità fil-livell tal-Gvern; jenfasizza li dan jista', bħala l-aħħar alternattiva, iwassal għal sanzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'livell internazzjonali usa';
16. Jitlob għal azzjonijiet li jippermettu lill-atturi lokali jibbenefikaw direttament minn protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi u li, b'mod parallel ma' miżuri li jiskoraġġixxu attivitajiet illegali relatati mal-organiżmi selvaġġi, itejbu l-possibilitajiet tagħhom li jiksibu għajxien mingħajr ma jieħdu sehem f'attivitajiet bħal dawn; jitlob, b'mod partikolari, biex tali azzjonijiet jiġu inklużi, bħala prijorità, fid-diversi ftehimiet ta' kummerċ u ta' kooperazzjoni nneozjati ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-introduzzjoni ta' proġetti pilota għal dan il-għan, li għandhom bħala mira, b'mod partikolari, it-taħriġ, u l-appoġġ għall-awtoritajiet doganali lokali u l-korpi tal-forestrija fi ħdan il-qafas ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni;
17. Jemmen li s-settur privat għandu jiġi mħeġġeġ biex jaġixxi bħala mudell eżemplari, kemm fi ħdan kif ukoll barra t-territorju tal-UE, permezz ta' kodiċi ta' kondotta li tikkundanna l-konsum ta' prodotti illegali ta' organiżmi selvaġġi;
18. Jitlob l-appoġġ għall-inizjattivi tas-settur privat biex jitrażżan il-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi;
19. Jitlob, fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE, kooperazzjoni aktar mill-qrib u kostruttiva bejn il-partijiet interessati, fosthom mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u

mas-setturi kummerċjali rilevanti, biex isir użu aktar effettiv ta' strumenti u politiki eżistenti, u biex jissaħħu s-sinerġiji bejniethom, sabiex jiġi żgurat li jkollhom impatt massimu meta wieħed jiġi biex jindirizza t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi fl-UE u globalment;

20. Jitlob bidla radikali fil-ġbir tal-intelligence, fit-tfassil tal-liġijiet u fl-infurzar tal-liġijiet, u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-rigward tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra ta' destinazzjoni u ta' tranżitu; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni mill-qrib lil dawn l-aspetti ta' ġestjoni u monitoraġġ tal-infurzar ta' standards internazzjonali fir-rigward tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;
21. Jenfasizza li l-inklużjoni ta' kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli f'kull ftehim kummerċjali ġdid għandha tkun obbligatorja; iqis li l-kummerċ legali u sostenibbli jista' jagħti kontributi pożittivi lill-iżvilupp sostenibbli u lill-komunitajiet; jemmen li l-UE għandha tagħxi fil-livell internazzjonali biex tappoġġja pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u għandha tikkontribwixxi għall-evoluzzjoni ulterjuri tal-leġiżlazzjoni rilevanti, permezz ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali;
22. Jappella għal tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' responsabbiltà internazzjonali, u għal titjib urġenti fil-politika u legali, bil-għan li jitwaqqaf it-traffikar u jtemmu d-domanda għal prodotti marbuta mal-organiżmi selvaġġi u mal-foresti;
23. Jitlob rapport dettaljat annwali ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni, inkluż mekkaniżmu simili għall-iskeda ta' valutazzjoni użata biex tissorvelja l-progress lejn it-tlestija tan-netwerk Natura 2000;
24. Jenfasizza li sabiex tiġi evitata l-"migrazzjoni" ta' netwerks kriminali marbuta mal-organiżmi selvaġġi, l-armonizzazzjoni ta' linji politiċi u ta' oqfsa legali fir-rigward ta' kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi hija partikolarment importanti;
25. Ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri kollha tagħha biex jestendu l-appoġġ għal regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali, biex jingħalqu b'mod definittiv is-swieq domestiċi tal-avorju u biex jinqerdu l-ħażniet kollha tal-avorju.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	31.8.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Louis Aliot, Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Manuel dos Santos, Doru-Claudian Frunzuličă, Nathan Gill, Charles Goerens, Enrique Guerrero Salom, Heidi Hautala, Maria Heubuch, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Rainer Wieland, Anna Záborská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Brian Hayes, Joachim Zeller
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Liliana Rodrigues